Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru 484/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marisa Camilleri)**

**Versus**

**Joseph Said u**
**Justin Said**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Joseph Said (k/a Joe) ID 576544(M) bin Gregory u Carmena nee Cuccardi mwieled Ħal-Qormi fis-17 ta’ Lulju 1954 u residenti 93 Gold River Trqi Antonio Muscat Fenech Qormi

U



Qrati tal-Gustizzja

Justin Said ID 140396(M) bin Francis u Lina (k/a Michelina) nee Galea mwieled l-Awstralja fit-8 t'Ottubru 1980 u residenti Sydney Triq Amleto Spiteri Qormi

Akkużati talli:

**(a) Joseph Said waħdu** talli fil-11 ta' Mejju 2007, għall-ħabtat tal-11.45 am waqt li kien f'Imdina Road Qormi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Carmelo Galea f'perikolu ċar volontarjament ikkaġuna ferita (offiża) ta' natura gravi fuq l-istess persuna , liema ferita' tista' ġġib mankament jew sfreġju jew debbulezzaa permanenti f'part tal-għamla tal-ġisem (fil-wiċċ) skond kif iċċertitkaw Dr Moira Grech M.D. u Dr John Hardie (Ophthaalmologist) ġewwa l-Isptar San Luqa.

**Joseph Said u Justin Said flimkien ma' persuni mhux magħrufa**

(b) Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ikkaġunaw feriti ta' natura ħafifa fuq Carmelo Galea;

(ċ) Ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirksotanzi volontarjament ħassru, għamlu ħsra jew għarrqu ħwejjeġ haddieħor, mobbli jew immobbli li l-ammont huwa t'aktar minn Lm50 għad-detriment tal-istess Carmelo Galea u Pada Builders Company Limited;

(d) U iktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbew ghall-imsemmi Carmelo Galea sabiex jingurjawh, idejjquh u jaghmlulu hsara

(e) Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waddbu oggetti iebsin fid-direzzjoni tal-imsemmi Carmelo Galea heddewh bil-kliem, qalu kliem oxxen u indicenti li jikkonsistu f'dagha fil-pubbliku.

(f) U fl-ahhar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti ntalbet sabiex toffri għas-sigurta' ta' Carmelo Galea skond kif hemm indikat fl-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-attti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikati tat-twelid li jġibu n-numri 1403 tas-sena 1996 u 5765 tas-sena 1954 rispettivament, il-fedini penali tal-imputati (fol 4 u 5), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputati sabiex il-proċeduri jkunu sommarji, iċ-ċertifikati MC1 (fol 18) u MC2 (fol 19), l-istqarrijiet tal-imputati (fol 20 u 21) ir-ritratti (Dok CG1 a fol 44), iċ-ċertifikati rilaxxjati minn Dr Franco Mercieca (CG 2) u mill-Isptar San Luqa (Dok CG 3) (fol 46),u d-dokument CG (a fol 61).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat.

**Kif seħħ l-inċident**

Il-fatti fil-qosor huma dawn. Nhar il-11 ta' Mejju 2007, l-allegat vittma Carmelo Galea u ċertu Edward John Galea kienu qed iwaħħlu xi sinjali tat-traffiku f'Imdina Road. Ħarġet persuna (Joe Said) minn showroom u talebt li Edward John Galea sabiex it-tabella ma titwaħħalx hemm. Dan wieġeb li din me kenitx deċiżjoni tagħhom u daħal Carmelo Galea biex ikompli x-xogħol. Il-persuna li ħarġet mix-showroom ippruvat tipperswadi lil Carmelo Galea sabiex it-traffic sign ma titwaħħalx hemm. Dan qallu li huma kienu qed jimxu skont il-pjanta tal-perit. L-imputat Joe Said ta daqqa ta' ponn lil Carmelo Galea u Carmelo Galea kellu jittieħed l-Isptar.

Fl-istqarrija tiegħu (fol 20) Joe Said qal li l-allegat vittma kien ghajru 'ballotra' u 'melħa'. Meta resaq lejh biex ikellmu, l-allegat vittma kien imbuttah. L-imputat Joe Said kompla hekk:

*'Jien dak il-ħin intlift u tajtu daqqa ta' ponn. Huwa rreaġixxa u ġie għalija. Jien naħseb li erġajt tajtu xi daqqa pero' ma nafx fejn ilqattu.' (fol 20)*

Min-naħa l-oħra fl-istqarrija tiegħu Justin Said qal li l-allegat vittma kien imbotta lil zijuh li imbagħad kien ta daqqa ta' ponn lill-vittma. Justin Said qal ukoll li l-uniċi daqqiet li qala' l-vittma kienu minn għand zijuh.

Meta xehed Carmelo Galea, huwa qal li waqt li kien qed iwaħħal ir-road sign Joe Said beda jgħajjat u qal li ma jridx jara permessi. Dak il-ħin waslu żewġ minibuses li minnhom niżel l-imputat Justin Said. Kien Joseph Said li ta daqqa ta' ponn lill-allegat vittma. Id-daqqa kienet f'għajnejh u kissirlu n-nuċċali ġo għajnejh. Hekk kif kien qiegħed ineħħi n-nuċċali u l-ħġieġ minn għajnejh, qabżu 'l-erbgħa' fuqu. (fol 33). Bid-daqqa ta' ponn in-nuċċali spiċċa f'għajnejn l-allegat vittma. Id-daqqa ta' ponn kienet immiratha u niżlet fuq għanejh tal-lemin (li hija tal-ħġieġ). Fost l-erbgħa li qabżu fuqu kien hemm Justin Said u dawn (l-erbgħa li huma) bdew jagħtuh bis-sieq kullimkien u bil-ponn ġo rasu. Qabdu l-kpiepel il-ħomor li jkun hemm bħala sinjali li jkun qed isir xi xogħol fit-triq u bdew jagħtuh bihom ukoll. Tlegħu fil-minibus u marru warjah bil-minibus u reġgħu bdew jagħtuh. L-allegat vittma kellu wiċċu mal-art iżda għaraf in-numru tal-minibis bħala 330. Joseph Said kein tah ukoll bil-kpiepel fuq rasu. Justin Said kien tah bihom ukoll (fol 38). Kemm Joseph Said kif ukoll Justin Said kienu tawh bis-sieq. Huwa kien rema l-mobile minħabba d-daqqiet li qala' u kellu jixtri nuċċali (tax-xemx) ġdid. L-ewwel wieħed kien sewa madwar Lm40.

Xehed ukoll Edward Galea li kien ma' Charles Galea. Li qal li kien qal lill-imputat Joe Said li huma ma setgħux iwaħħlu t-tabella aktar 'l isfel. Imbaħgad Joe Said ta daqqa ta' ponn lil Charles Galea. Justin Said kien niżel mill-minibus u qabad jagħti lil Charles Galea. Lil Charels Galea kienu tegħuh mal-art.

PS 772 Dennis Agius kien ra lil Charles Galea meta dan Charles Galea kien diġa' ttieħed l-isptar. Charels Galea kellu korriment f'għajnejh u kienu qed jarawh it-tobba.

**Xhieda Difiża**

Joseph Said qal li la l-perit u lanqas il-Kunsill ma kien avżahom li kien sejjer jitwaħħal sinjal tat-traffiku. Charles Galea beda jgħajru 'ballotra' u imbagħad kein imbuttah. Imbagħad Charles Galea kien waqa' fil-bankina għax tfixkel (fol 75). L-imputat qal li huwa kien imbotta lil Charles Galea.  Wara diversi mistoqsijiet mill-Qorti huwa ammetta li li kien ta daqqa ta' ponn lil Charles Galea.

Justin Said qal li Charles Galea kien għajjar lil zijuh. Charles Galea kien imbotta lil zijuh u imbagħad Joseph Said kien ta daqqa ta' ponn lil Charles Galea.

**In-Natura tal-feriti.**

Mix-xhieda ta' Dr John Grech Hardie jirriżulta li huwa kien sab tbenġil madwar l-għajn il-leminija ta' Carmelo Galea u kien hemm xi qsim fil-ġilda żgħira.  L-allegat vittma kellu artificial eye.  It-tbeniġil kien fl-eyelid tal-artificial eye u kellu daqsxejn ħmura fis-socket.  Ix-xhud ikklassifika dawn l-offiżi 'of a non-grievous nature'. (Ara Dok CG2).

Bħala provi oħra hemm

(a) r-ritratti ppreżentati mill-allegat vittma u meħuda minn ibnu stess.  Dawn juru ħmura qawwija u xi stitches madwar l-għajn il-leminija.

(b) Iċ-ċertifikat a fol 19 fejn jidher li saru 'butterfly stitches'. Kien hemm 2 'small LCW' beneath right glass eye needing butterfly stitches. Kien hemm ukoll abrasions to the external aspect of both forearms.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Punt Legali – In-Natura tal-Offiża**

Il-klassifikazzjoni tal-offiżi fil-Liġi tista’ tkun differenti minn kif jikklassifikhom it-tabib jew xi professjonijsta ieħor. Ai fin ital-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9, l-offiża hija gravi jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f’waħda mill-idejn tal-offiż.’

Il-Prosekuzzjoni rreferiet għal dak li ġara fil-wiċċ dwar l-ewwel imputazzjoni.

Il-ġurisprudenza tagħna daħlet fil-fond ta’ x’inhu mankament u ta’ x’inhu sfreġju.

Fil-każ P v Spagnol tat-12 ta’ Settembru 1996 kien ritenut dan li ġej:

***‘B'mankament fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghall-kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto".***

***Sfregju, mill-banda l-ohra, u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin". Skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc. Is-snien mhumiex parti mill-wicc, ghalkemm it-telf ta' hafna snien jistghu jgibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu ihallu fuq il-wicc u specjalment fir-regjun tal-halq. Pero' la t-tul ta' l-infermita' u lanqas il-permanenza o meno taghha m'huma relevanti ghall-finijiet tas-subartikolu 216 (1) (b).’***

Mir-ritratti, minn dak li xehed Dr Galea Hardie u minn kif xehed Charles Gaea innifsu, jirriżulta li Charles Galea

kellu ħmura sewwa ħdejn għajnejh tal-ħġieġ u kellhom isirulu xi punti.

Fil-fehma tal-Qorti dan ma jammontax għal mankament iżda għal sfreġju fil-wiċċ u bl-ebda mod ma jista' jitqies offiża ta' natura ħafifa.

Kif sewwa qalet il-Qorti fil-każ ċitat 'la t-tul tal-infermita' u lanqas il-permanenza o meno tagħha m'huma relevanti għall-finijiet tas-subartikolu 216(1)(b).'

Effettivament, il-każ seħħ fil-11 ta' Ġunju 2007, kien ippreżentat fil-Qorti fil-5 ta' Ġunju 2007 u l-imputati kienu notifikati fis-17 ta' Settemrbu 2007 u fit-12 ta' Settembru 2007 rispettivament. Il-każ beda jinstema' fis-17 t'Ottubru 2007. Dan kollu qed jingħad biex jintwera li jekk sakemm il-każ tressaq, is-sinjali tal-offiżi kienu marru, ma jfissirx li b'daqshekk l-offiża ma kenitx waħda gravi,.

Għalhekk l-ewwel punt li qed jiġi deċiż huwa li l-offiża msemmija fl-ewwel imputazzjoni qed titqies bħala waħda gravi.

**Kunsiderazzjonijiet ta' fatt**

Il-provi msemmija aktar 'il fuq ma jħallu ebda dubju li kien Joe Said li ta d-daqqa ta' ponn lil Charles Galea li ġabet l-offiża gravi. L-imputat stqarraha hu fl-istqarrija u taħt ġurament.

L-imputat ma kellu ebda raġun li jaqbad u jagħti din id-daqqa meta Charles Galea kien qed jimxi skond l-ordnijiet.

Finalment, ukoll jhekk Charles Galea għajjar lill-imputat 'ballotra', ma jfissirx li l-imputat kien ġustifikat jew skużat għal dak li għamel skond il-kriterji skedati fil-Liġi.

Għalhekk il-Qorti qed issib lil Joe Said ħati tal-ewwel imptuazzjoni mingħajr ebda attenwanti.

Dwar l-imputazzjoni (b) jirriżulta li kemm Joseph Said kif ukoll Justin taw bis-sieq lil Charles Galea . Charles Galea kellu abrasions f'idejh barra l-offiża gravi msemmija aktar 'il fuq. Għaldaqstant il-Qorti qed issib liż-zewġ imptutati ħatja ta' dan l-imputazzjoni 221(1) tal-Kap 9.

Dwar l-imputazzjoni (ċ) jirriżulta li bid-daqqa ta' ponn inkiser in-nuċċali tax-xemx ta' Charles Galea. Dan kien jiswa Lm40. Huwa s-sofra wkoll it-telf tal-mobile. Dwar dan m'hemmx valur u m'hemmx indikazzjoni min mill-imputati kissirlu l-mobile. Għalhekk qed issib lill-imputat Joe Said ħati ta' din l-imputazzjoni dwar il-ħsara lin-nuċċali u qed tillibera lil Justin Said minn din l-imputazzjoni għal kollox.

Dwar l-imptuazzjonijiet (d)(e)(f), dawn huma kollha kontravenzjonijiet. Jirriżulta li l-inċident seħħ fil-11 ta' Mejju 2007 u li l-imputati kienu notifikati fis-17 ta' Settemrbu u fit-12 ta' Settemrbu 2007 rispettivament. Għalhekk kienu għaddew aktar minn tliet xhur minn meta seħħ l-inċident. Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat la-rtikolu 688(f) tal-Kap 9, qed tiddikjarahom preskritti.

## Konklużjoni

Il-Qorti, wara li fil-konfront ta' Joseph Said, rat l-artikoli 17(b), 28A, 216(1)(b), 221(1), 325(1)(ċ), 339(1)(d), 339(1)(b), 339(1)(e), 338(bb) u 338(dd) tal-Kap 9 qed issib lil Joe Said ħati tal-ewwel imputazzjoni, tat-tieni imptuazzjoni, tat-tielet imputazzjoni iżda sa ammont ta' Lm40 – reat li huwa kompriż u involut tit-tielet imputazzjoni u qed tilliberah mill-imputazzjonijiet (d)(e) u (f) minħabba li dawn huma preskritti ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kap 9. Il-Qorti, wara li kkonsidrat li dan kien attakk fuq persuna li qed twettaq xogholha kif ordnata, qed tikkundanna lill-imputat Joseph Said, għall-piena ta' priġunerija ta' sena li għandha tibqa' sospiża għal erba' snin. Il-Qorti spjegat l-artikolu 28A tal-Kap 9 lill-imputat fi kliem sempliċi.

Il-Qorti, wara li fil-konfront ta’ Justin Said rat l-artikoli 28A, 221(1), 325(1)(ċ), 339(1)(d), 339(1)(b), 339(1)(e), 338(bb) u 338(dd) tal-Kap 9 qed issib lil dan l-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni, qed tilliberah mit-tielet imputazzjoni għax ma kienx hemm provi waqt li tilliberah ukoll mill-imputazzjonijiet (d)(e)(f) minħabba li dawn huma preskritti ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kap 9. Il-Qorti, wara li qieset li l-imputat kien fid-dmir li jikkwieta l-affarijeit u mhux ikompli jagħti bis-sieq, qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta’ priġunerija ta’ tliext xhur li għandha tibaqa’ sospiża għal sena. Il-Qorti spjegat l-artikolu 28A tal-Kap 9 lill-imputat fi kleim sempliċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------